MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Numru. 354/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**

**Vs**

**Albert Degiorgio**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Albert Degiorgio ta' 54 sena bin Joseph u Helen nee' Noto, imwieled Valletta fis-16 ta' Awwissu 1949 u residenti fl-indirizz 5, Flat 4, Triq Merkanti, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 730549 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-2 ta' April 2004, u fiz-zminijiet ta' qabel gewwa l-Belt Valletta appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew

ghal haddiehor minn amusement machine propjeta’ ta’ Neville Lia ta’ valur ta’ aktar minn Lm100 izda mhux aktar minn Lm1000, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 13 ta’ Jannar 2005 (esebita a fol. 50 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tad-9 ta’ Frar 2005 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-2 ta’ April 2004 il-Pulizija rceviet rapport minghand certu Neville Lia fejn dan qal li huwa kien ikkonsenja *amusement machine* lill-imputat sabiex din tintuza fil-hanut tieghu fi Strada Merkanti l-Belt izda meta talab lura l-magna minghand l-imputat dan tal-ahhar qallu li din kienet ingabret mill-Pulizija.

**Neville Lia** li xehed f’dawn il-proceduri (xhieda relattiva inserita a fol. 24 sa 26 tal-atti processwali spjega li ghall-habta ta’ Dicembru 2002 huwa u l-partner tieghu fil-business Simon Cutajar kienu lahqu ftehim mal-imputat sabiex jitpoggew zewg *amusement machines* fil-hanut tal-imputat u l-qliegh minn dawn il-magni kellu jinqasam bin-nofs bejniethom. Huwa kien anki hallas rigal ta’ Lm400. Neville Lia spjega li wara sitt xhur gie deciz li titnehha wahda mill-*amusement machines* mil-hanut tal-imputat peress li ma kienx qed ikun hemm qliegh minn dawn il-

magni u ghalhekk thalliet magna wahda biss. Regghu ghaddew sitt xhur ohra u s-sitwazzjoni baqghet l-istess u Simon Cutajar kien iltaqa’ mal-imputat u nfurmah li kienu ser jiehdu l-magna l-ohra wkoll izda l-imputat irrispondih li l-magna kienu gabruha l-Pulizija. Meta Lia ghamel il-verifiki mal-Ghassa tal-Belt skopra li l-Pulizija ma kienux gabru din il-magna u gie infurmat li meta huma jigbru dawn it-tip ta’ magni dejjem tigi rilaxxjata ricevuta u meta rega’ cempel lill-imputat dan irrisponda li ma kellux ricevuta. Neville Lia spjega li l-imputat baqa’ qatt ma rritorna lura l-magna in kwistjoni u esebixxa dokument (Dok. NL1 inserit a fol. 27 tal-process) fejn indika il-valur tal-amusemwnt machine fl-ammont ta’ Lm900. Mix-xhieda ta’ PS130 Ivan Cilia xhieda (inserita a fol. 14 sa 15 tal-process) jirrizulta li meta Neville Lia gie mitkellem mill-Pulizija u nfurmat li l-imputat kien qed isostni li l-magna kienet ingabret minn xi nies mibghuta minnu huwa kien informa lil Pulizija li qatt ma baghat lil hadd jigbor il-magna u qalilhom inoltre li ma kienx solitu li huma jigbru l-magni mill-hwienet fl-ghaxra ta’ filghaxija.

F’dawn il-proceduri xehed **PS 928 Ramon Mifsud Grech** (xhieda relattiva inserita a fol. 17 tal-process) li kien is-Surgent fl-Ghassa tal-Belt li ha r-rapport maghmul minn Neville Lia. Dan ix-xhud qal li dak il-hin stess li sar ir-rapport huwa kien cempel lill-imputat u dan kien qallu li l-kaxxa kienet inkisret u kien ramiha. Dan ix-xhud qal inoltre li xi xahar wara ltaqa’ mal-imputat fi Strada Merkanti u dan qallu li l-kwerelanti kienu qed jigdbu ghaliex l-*amusement machine* in kwistjoni qatt ma kienet iddahlet fil-hanut tieghu.

Fit-12 ta’ April 2004 l-imputat kien irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 12 sa 13 tal-atti processwali) fejn huwa ikkonferma li kien ha *amusement machine* minghand Neville Lia u li kien hemm ftehim bejniethom li l-profit li jsir minn din il-magna kellu jinqasam bin-nofs bejniethom. Huwa qal ukoll li l-ewwel magna li giet konsenjata lilu kellha xi hsarat u din inbidlet izda anki it-tieni magna li inghatat lilu ma kienitx tiffunzjona tajjeb. Fl-istqarrija l-imputat qal ukoll li wara ftit taz-zmien huwa beda’ jinkwieta li l-Pulizija setghu jigbru l-magna minhabba li ma

kellux permess ghaliha u huwa ghalhekk ikkomunika ma Neville Lia sabiex jingablu permess izda dan baqa’ ma sarx u huwa talab lil Lia sabiex imur jigbor il-magna izda dan irrisponda li ma kellux fejn jaghmilha u talbu jzommha ghal ftit taz-zmien. L-imputat qal ukoll li f’Jannar 2004 ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta’ bil-lejl kienu marru tnejn min-nies b’vann abjad u qalulu li kienu jahdmu ma Neville Lia u li kien marru sabiex jigbru l-magna u fil-fatt hekk ghamlu. L-imputat spjega li huwa jiftah il-hanut filghaxija biss u qal li l-*amusement machine* kienet giet konsenjata lilu fl-istess hin proprju ghaliex huwa jiftah il-hanut tieghu f’dawk il-hinijiet biss. Huwa qal ukoll li ma kienx interessat li jinghata ricevuta meta ittiehdet il-magna. L-imputat sostna li fil-25 ta’ Marzu 2004 kien iltaqa’ ma Simon Cutajar u qallu li ma kienx hareg ta’ ragel ghaliex il-magna kienet tkun dejjem bil-hsara u baqghet bla permess u Cutajar qallu li sa fejn jaf hu l-magna ma kienitx giet ritornata lura lilhom.

L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri (xhieda inserita a fol. 60 sa 64 tal-process) fejn rega’ ikkonferma l-verzjoni tal-fatti minnu moghtija fl-istqarrija.

Ikkunsidrat:

Mill-esposizzjoni tal-fatti li saret aktar ‘il fuq jirrizulta li l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet konfliggenti dwar x’gara mill-*amusement machine* in kwistjoni, u cioe’ dik tal-kwerelant min-naha l-wahda u dik tal-imputat min-naha l-ohra. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f’dan il-kaz u jidrilha li ghandha titwemmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-kwerlanti Neville Lia u Simon Cutajar. Dan jinghad ghaliex filwaqt li l-kwerelanti dejjem kienu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti minnhom moghtija l-istess haga ma tistghax tinghad ghall-imputat. Mix-xhieda ta’ PS 928 Ramon Mifsud Grech u mill-okkorrenza esebita a fol. 18 et sequitur tal-process fil-fatt jirrizulta li a tempo vergine l-imputat kien qal lil Pulizija li huwa kien iddispona mill-*amusement machine* stante li din ma kienitx tiffunzjona u kien biss fi stadju ulterjuri li huwa qal li l-magna kienet ingabret minn zewgt irgiel li qalulu li kienu jahdmu ma Neville Lia. Mix-xhieda ta’

Neville Lia inoltre jirrizulta li l-imputat kien qal lil Lia li l-magna kienet ingabret mill-Pulizija. Il-Qorti inoltre issibha difficli temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat ghaliex jidrilha li huwa pjuttost inverosimili li huwa accetta li jikkonsenja lura l-amusement machine lil zewgt irgiel li ma kienx jaf min huma, f'hin inkonswet,  u minghjar ma jesigi li jinghata ricevuta jew altrimenti minghajr ma jivverifika mal-propjetarji tal-magna, u cioe' ma Neville Lia u ma Simon Cutajar jekk huma kienux baghtu lil xi hadd sabiex jigbor il-magna.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuza minhna migjuba fil-konfronti tal-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u konsegwentement l-imputat qed jinstab hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali (inserita a fol. 5 tal-process) kwazi netta tal-imputat u jidrilha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 28A. In vista tal-fatt li ma ngabux ricevuti li jirrigwardaw il-valur tal-magna li giet konsenjata lill-imputat izda biss ricevuti rigwardanti components ta' magni ohra, l-Qorti jidrilha li ma jkunx opportun li tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 28H f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Albert Degiorgio hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sena millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------